**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-12 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 94/2022 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**EM**

**U**

**LM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' EM u LM datat 16 ta' Frar 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar l-ghoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) gewwa l-Belt ta' Cape Town fl-Afrika T'isfel (South Africa) kopja tc-certifikat taz-zwieg hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A';*

2. *Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt t-tfal, cioe NG, imwieled f'X u SA, imwielda f'Y;*

3. *Illi l-partijiet iddikjaraw ilhom de facto separati minn xulxin sa minn Mejju tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizzi kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'B';*

4. *Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

5. *Illi r-rikorrenti EM dejjem onora l-obbligi tieghu naxxenti mill-kuntratt ta'*

*separazzjoni fosthom il-hlas tal-manteniment ghal minuri NG u SA;*

6. *Illi jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti konguntivament jitolbu bir-rispett u reverentement lil din l-Onorabli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi joghgobha:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b'dan il-hall taz-zwieg.*

*Bl-ispejjez ikunu kollha divizi ugwalment bejn il-partijiet.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-attur kif assistit nhar is-6 ta Gunju 2022, ddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduci jew trattazzjoni x'jaghmel u stieden l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 14);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**EM xehdet** (vide affidavit fol 10) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-20 ta' Ottubru 2012 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 4 ta' Novembru 2021 fl-atti tan- Nutar Dr Clinton Bellizzi. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin sa minn Mejju tal-2021. Sostna illi huwa dejjem onora l-obbligu tieghu fir-rigward tal-manteniment u ghalhekk ma hemm ebda pendenzi

fir-rigward.

**LM xehdet** (vide xhieda fol 15) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-20 ta' Ottubru 2012, liema zwieg jgib certifikat numru K3942908/2012 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Clinton Bellizzi nhar l-4 ta' Novembru 2021 (vide Dok B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru K3942908/2012 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi annotat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**